MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Numru 87/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marbeck Cremona**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marbeck Cremona talli f'dawn il-gzejjer, fid-29 ta' Awissu 2005 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghalija jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` ghamlet approprjazzjoni bla jedd tal-vettura Peugeot Partner 190C bin-numru ta' registrazzjoni HPC-505 kif ukoll approprjazzjoni bla jedd ta' fondi, ghad-dannu

tal-kumpanija H.P Cole Ltd ta’ 65/66, Triq il-Marina, Pieta’, liema vettura u fondi, li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000), kienu gew fdati jew ikkusinnati lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha; u aktar

2. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex tezercita jedd li ppretendiet li kellha, gieghlet bl-awtorita` taghha nnifsha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obligazzjoni, tkun li tkun, jew b’ xi mod iehor, kontra il-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta’ Frar, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Marbeck Cremona hatja skond l-ewwel imputazzjoni – cioe` ta’ “misapproprjazzjoni kif aggravat bl-Artikolu 295 tal-Kap. 9” izda mhux hatja skond it-tieni imputazzjoni, u kkundannatha multa ta’ tlett mitt lira (Lm300);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Marbeck Cremona, minnha pprezentat fil-5 ta’ Marzu 2007, li permezz tieghu hija talbet ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li hija tigi lliberatha anke fejn instabet hatja skond l-ewwel imputazzjoni;

Rat ukoll ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-7 ta’ Marzu 2007, li permezz tieghu talab “li din il-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka l-istess sentenza, ssib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi”;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta’ Gunju 2007; ikkunsidrat:

Il-fatti brevement kienu s-segwenti: Marbeck Cremona kienet impjegata bhala *sales person* fuq bazi *full-time* ma’ kumpannija – H.P. Cole Limited – izda f’gurnata minnhom hija, kif ukoll diversi impjegati ohra ta’ l-istess kumpannija, hargu bi *strike*. Hija kienet inghatat vettura mill-kumpannija biex biha tkun tista’ taqdi l-esigenzi ta’ l-istess kumpannija. Meta hija harget bi *strike* il-kumpannija

baghtet xi impjegati ohra f'Ghawdex biex dawn jiehdu lura – bl-uzu ta' l-i*spare key* tal-vettura – l-imsemmija vettura u jgibuha Malta. Dawn l-impjegati l-ohra hekk ghamlu. Fil-vettura instabu dokumenti u oggetti ta' ditta kompetitrici ta' l-imsemmija ditta H.P. Cole Limited. Il-kumpannija, inoltre, qed tghid li Cremona kienet gabret xi flus minghand xi kredituri taghha (cioe` tal-kumpannija) izda kienet naqset li tghaddi dawn l-istess flus lill-istess kumpannija. Meta kienet giet interrogata mill-Pulizija, Cremona ammettiet li hija, waqt li kienet qed tahdem *full-time* ma' H.P. Cole Limited kienet ukoll bdiet tahdem (minn Gunju tal-2005) *part-time* mad-ditta *Kenneth Grech*. Hija ammettiet li, ghalkemm il-vettura ta' H.P. Cole Limited kienet inghatat lilha biex hija taghmel biha xoxghol ta' *sales* u *deliveries* ta' dik il-kumpannija f'Ghawdex, hija gieli wkoll uzatha ghal xoghol ta' *Kenneth Grech* li hija effettivament ditta kompetitrici ta' H. P. Cole Limited. In fatti, mistoqsija mill-Pulizija *"Qatt hadt ordnijiet ta' Kenneth Grech bil-vann ta' H.P. Cole Ltd.?"* hija wiegbet *"Iva imma rari."* [1] U aktar 'l quddiem fl-istqarrija nsibu: *"M. Tikkonferma li inti kont tuza l-van ta' H.P. Cole ghal xoghol ta' Kenneth Grech? T. Iva imma rari."* [2] Issa, l-ewwel qorti sabet lil Cremona hatja ta' approprjazzjoni indebita minhabba l-uzu li hija kienet ghamlet tal-vettura differenti minn dak li kien intiz minn min ikkonsenjalha l-istess vettura, u dan bi profitt ghaliha jew ghal haddiehor (id-ditta *Kenneth Grech*); kwantu ghall-flus, dik il-qorti, ghal ragunijiet li ma hemmx ghalfejn jigu elaborati f'din is-sentenza, ma rravizat ebda approprjazzjoni indebita fir-rigward ta' dawn il-flus.

L-aggravju ta' l-appellanti Cremona hu, bazikament, li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. Hi tikkontendi li ma kellhiex ix-xjenza li qed taghmel xi haga illegali filli, skond hi, semplicement izzomm xi oggetti ta' *Kenneth Grech* fil-vettura ta' H.P. Cole Ltd. biex hija, bhala pjacir, tikkonsenjahom lill-hanut li ghalihom dawk l-oggetti kienu destinati. Fil-kors tat-trattazzjoni l-abbili difensur ta' l-appellanti ghamel referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta'

[1] Fol. 17.
[2] *ibid.*

Dicembru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Avukat Dr Siegfried Borg Cole LL.D.** ghal dak li huwa l-element formali rikjest ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti, pero`, wara li ezaminat sew l-atti, hi tal-fehma li l-ewwel qorti kienet korretta fil-valutazzjoni taghha. Ma hemmx dubbju, fid-dawl ta' istqarrija tal-appellanti Cremona, li l-oggetti misjuba fl-vettura ta' H.P. Cole Ltd. ma kienux jikkostitwixxu l-uniku xoghol tad-ditta *Kenneth Grech* li hija kienet hadmet permezz ta' dik il-vettura. Anqas ma ghandha din il-Qorti l-icken dubju li Cremona kienet taf li hija ma setghetx tuza dik il-vettura ghal xoghol ta' ditta kompetitrici ta' H.P. Cole Ltd.; u ghalhekk fil-kaz in dizamina kien hemm il-volontarjeta` tal-konversjoni, bil-konsapevolezza tal-illegittimita` tal-istess konversjoni u bi skop ta' qligh ghad-ditta *Kenneth Grech* u, indirettament, ghaliha. Ghalhekk l-appell ta' Marbeck Cremona qed jigi respint.

Nigu issa ghall-appell ta' l-Avukat Generali. Jinghad mill-ewwel li dana huwa wiehed altament fieragh. L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti fis-segwenti:

**"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel qorti qalet li l-artikolu 295 tal-Kap 9 kif indikat mill-Avukat Generali ma kellux x'jaqsam ma' l-akkuza u li dan inghata bi zball, imbaghad, meta giet biex taghti l-istess sentenza applikat l-istess artikolu, liema agir jirrendi l-istess sentenza, bir-rispett, nulla."**

Issa huwa veru li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-5 ta' April 2006 (fol. 46) indika, ghax xi raguni inspjegabbli, oltre ghall-Artikoli 293 u 294 – approprjazzjoni aggravata – l-Artikolu 295 li jirreferi ghar-reat ta' frodi dwar sigurta`, liema reat ma hu b'ebda mod ipotizzat fl-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marbeck Cremona. L-ewwel qorti gustament irrilevat l-irrelevanza ta' din id-disposizzjoni ta' ligi, izda fid-decita tas-sentenza, evidentement bi zvista, qalet hekk: *"…tiddkjara li ssib lill-imputata Marbeck Cremona hatja ta' misapproprjazzjoni kif aggravat bl-artikolu 295 tal-*

*Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta…"* Dan hu evidentement *lapsus calami* ghax l-aggravanti ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita jinsab fl-Artikolu 294; l-Artikolu 295 jirreferi ghal reat kompletament differenti. Din il-Qorti ma tistax timmagina kif fuq semplici *lapsus calami* bhal dan, u meta l-aggravanti ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita huwa car li johrog mill-Artikolu 294, l-Avukat Generali – jew ahjar, ghall-precizjoni, minn irrediga r-rikors ta' appell ghan-nom tieghu – jista' jippretendi li din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza u tghaddi biex tisma' l-kawza mill-gdid. Dan l-appell huwa biss hela taz-zmien, tant li l-avukat li deher ghall-Avukat Generali fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2007 (u li ma kienx l-avukat firmatarju tar-rikors) baqa' bla kliem fir-rigward ta' dana l-appell.

Ghall-motivi premessi, filwaqt li tichad kemm l-appell ta' Marbeck Cremona kif ukoll dak ta' l-Avukat Generali, tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li l-appell ta' l-Avukat Generali huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens tas-suabrtikolu (2) ta' l-Artikolu 429 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant Avukat Generali jhallas ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------